II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 69/2013

tat-23 ta' Jannar 2013

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u speċjalment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet tal-Unjoni speċifiċi, bil-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Hu f'loku li jkun ipprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni li torbot dwar it-tariffa, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara li jiġi ppubblikat *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Apparat biex ikunu irċevuti, irrekordjati jew riprodotti awdjo u vidjo (l-hekk imsejjaħ "riċevitur tal-midja diġitali") ta' forma ċilindrika b'dimensjonijiet ġenerali ta' madwar 13 (id-dijametru) × 19 (l-għoli) cm. L-apparat jinkorpora: — mikroproċessur, — ħardisk ta' 500 GB, — display alfa-numerika, — riċevitur infrared għar-remote control. Huwa mgħammar bl-interfaċji li ġejjin: — USB, — Eternet, — outputs tal-vidjo HDMI, S-video, kompost u komponent, — output awdjo diġitali ottiku,diġitali koassjali u analogu. Huwa mgħammar ukoll b'buttuni tal-kontroll u fornit b'remote control. L-apparat jista' jirċievi sinjali tal-awdjo u tal-vidjo f'format diġitali minn sorsi esterni (pereżempju, router, makkinarju li jipproċessa d-dejta awtomatikament, kamera diġitali, memorja USB). Id-dejta tista' tkun maħżuna fil-ħardisk tiegħu. Id-dejta hija riprodotta fuq monitor, sett tat-televiżjoni jew permezz ta' sistema tal-isterjo. L-apparat ma jistax jikseb aċċess għall-Internet.	8521 90 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet NM 8521 u 8521 90 00. Fid-dawl tal-karatteristiki tiegħu, prinċipalment li jista' jirċievi, jirrekordja u jirriproduċi sinjali tal-vidjo minn sorsi varji u d-daqs tal-ħardisk, l-appaarat huwa kkunsidrat li huwa apparat li jirrekordja jew jirriproduċi l-vidjos tal-intestatura 8521. Huwa għalhekk għandu jkun klassifikat bħala apparat li jirrekordja u jirriproduċi l-vidjos skont in-NM 8521 90 00.
2. Apparat biex ikunu irċevuti jew riprodotti awdjo u vidjo (l-hekk imsejjaħ "riċevitur tal-midja diġitali") ta' forma ċilindrika b'dimensjonijiet ġenerali ta' madwar 13 (id-dijametru) × 19 (l-għoli) cm. L-apparat jinkorpora: — mikroproċessur, — riċevitur infrared għar-remote control, — display alfa-numerika. Huwa mgħammar bl-interfaċji li ġejjin: — USB,	8521 90 00	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1, 2(a) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8521 u 8521 90 00. Fid-dawl li l-apparat għandu l-elettronika neċessarju biex iwettaq il-funzjonijiet ta' rrekordjar jew ripproduzzjoni tal-vidjo tal-intestatura 8521 għajr il-ħardisk, huwa għandu jkun ikkunsidrat, skont ir-Regola Ġenerali 2(a), il-karattru essenzjali ta' prodott lest jew komplut tal-intestatura 8521. L-apparat għandu għalhekk ikun klassifikat bħala apparat li jirrekordja jew jirriproduċi skont in-NM 8521 90 00.

(1)	(2)	(3)
— Eternet, — outputs tal-vidjo HDMI, S-video, kompost u komponent, — output awdjo diġitali ottiku,diġitali koassjali u analogu, — spazju għal ħardisk. Huwa mgħammar ukoll b'buttuni tal-kontroll u fornit b'remote control. L-apparat jista' jirċievi sinjali tal-awdjo u tal-vidjo f'format diġitali minn sorsi esterni (pereżempju, router, makkinarju li jipproċessa d-dejta awtomatikament, kamera diġitali, memorja USB). Id-dejta tista' tkun maħżuna f'ħardisk inserita wara l-importazzjoni. Id-dejta hija riprodotta fuq monitor, sett tat-televiżjoni jew permezz ta' sistema tal-isterjo. L-apparat ma jistax jikseb aċċess għall-Internet.		
3. Apparat biex jirċievi u jipproċessal-awdjo (l-hekk imsejjaħ "streamer tal-awdjo diġitali") b'dimensjonijiet ġenerali ta' madwar 19 × 9 × 8 cm. L-apparat jinkorpora: — mikroproċessur, — display vakwu, fluworexxenti b'riżoluzzjoni ta' 320 × 32 ta' pixels fuq skala griża, — arloġġ fuq l-iskrinn bl-iżverjalin, — riċevitur infrared għar-remote control. Huwa mgħammar bl-interfaċji li ġejjin: — Eternet, — Eternet mingħjt fili, — output awdjo diġitali ottiku,diġitali koassjali u analogu, — jack għall-kuffji. Huwa fornit b'remote control. L-apparat jista' jiffunzjoni jew b'mod standalone billi jaqbad ma' netwerk tal-Internet (mingħajr makkinarju li jipproċċessa d-dejta awtomatikament (ADP) jew b'softwer li jaħdem fuq makkinarju ADP. Huwa jista' jirriproduċi faxxikli maħżuna fuq il-makkinarju ADP jew kwalunkwe radju fuq l-Internet.	8519 89 19	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mit-test tal-kodiċi tan-NM 8519, 8519 89 u 8519 89 19. Fid-dawl tal-karatteristiċi tiegħu, l-appart huwa iddisinjat biex jirċievi u jipproċessal-ħsejjes jew direttament mill-Internet jew permezz ta' makkinarju ADP lil apparati awdjo varji. Għalhekk l-apparat għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 8519 89 19 bħala apparat li jirreġistra jew jirriproduċi l-ħsejjes, li ma jinkorporax tagħmir li jirrekordja l-ħsejjes.